MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Numru 278/2008

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Mizzi)

vs

Ritalin Magro

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 118375(m), akkuzata talli:

- F'Marzu 2008 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghall-persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkonsenjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir

uzu minnhu specifikat u cioe’ deheb u oggetti ohra u flus kontanti ta’ aktar minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmu (euro2329.37) ghad-detriment ta’ Mary Vella, detentrici tal-karta tal-identita’ numru 118375m - Artikolu 18 u 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti mitluba biex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li ghab-bazi tal-artikoli tal-ligi minnhu hemm citati bghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputata;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni titratta l-approprjazzjoni indebita. L-essenza tar-reat hi l-vjolazzjoni tad-dritt ta’ proprjeta’ jew ahjar il-vjolazzjoni ta’ fiducja naxxenti mir-rapport bejn il-proprjetarju u l-awtur tad-delitt, rapport li jimplika l-obbligazzjoni li dan jirrestitwixxi l-oggett moghti lilu in fiducja jew li jaghmel minnu uzu specifikat u determinat. Jinkludi tlett elementi necessarji ghas-sosteniment tieghu, li huma: (1) il-pussess ta’ flus jew oggett ta’ haddiehor f’idejn l-awtur tar-reat taht kwalsiasi titolu legali bhal ma hu self, depozitu, affidament u simili; (2) l-approprjazzjoni ta’ dawk il-flus jew oggett mill-awtur li jinverti t-titolu taghhom ghalih u dan billi jiddisponi mill-istess kif jidhirlu u daqs li kieku kien hu l-proprjetarju u mhux skond l-iskop li dawk kienu fdati lilu jew gew ghandu; (3) l-element ta’ profit ghall-awtur tad-delitt u ta’ dannu rekat lill-proprjetarju

u ghad-detriment tieghu konsegwenza tal-att frawdolenti u dizonest.

Illi l-fattispecje ta’ din il-kawza u l-konsegwenti ezitu taghha tistrieh interament fuq il-fatt jekk is-somma flus u il-gjojellerija, konsistenti fi tlett brazzuletti, kienux b’depositu jew affidament ghand l-imputata b’titolu li kien jirrikjedi r-restituzzjoni taghhom. Ghal dak li jirrigwarda l-brazzuletti l-provi huma fis-sens li l-misapproprajta tghid mod u l-imputata mod-iehor. Idem rigward il-flus.

Jigi notat li hemm qbil bejn il-partijiet li sakemm izzewget l-imputata kienet trabbiet minn nannieta, omm il-kwerelanta u l-kwerelanta, ossija zijitha. Il-kwerelanta izzewget f’Settembru 2001 u n-nanna mietet fit-3 ta’ Frar 2006. Mal-mewt taghha, zijitha l-kwerelanta ghamlet xi xhur, tghix jew tmur torqod ghand l-imputata u dan minn Frar sa Mejju ta’ dik is-sena.

Issa, l-Qorti gja esprimiet il-fehma taghha dwar il-fatt ta’ konflitt ta’ provi fil-kawza. Izda mhux biss billi anka minn ezami tal-provi dokumentarji dak sostnut mill-kwerelanta, li fuqha jaqa’ l-oneru tal-prova, l-affermazzjoni taghha li l-flus kienet selfithom lill-kwerelanta u mhux irregalatomlha, kif isostni l-imputata, ma jsibx konferma. Il-kwerelanta tghid li kienu Lm8,500 b’self waqt li l-imputata tghid li kienu Lm3200 b’rigal. Ezami tad-dokumenti bankarji ghall-perjodu rilevanti c-citazzjoni, li tirreferi ghal Marzu 2008 u xhur ta’ qabel, mill-kontijiet bankarji tal-imputata jew anka mill-kont ma’ zewgha dak li jista’ talvolta jkun ta’ rilevanza hu li fit-29 ta’ April 2005 infetah kont fiss fl-ammont ta’ Lm6,500 li hu indikat li tpogga minn kont bankarju iehor taghha stess. Hemm diversi transazzjonijiet bankarji ohra bejn kontijiet taghha stess li ma joffru ebda ness rilevanti ghall-kawza odjerna. Wisq anqas huwa ta’ sostenn il-kont bankarju tal-kwerelanta lanqas fl-allegazzjoni taghha rigward il-pensjoni taghha.

Illi kollox ma kollox is-sottomissjonijiet tal-imputata ghandhom ghalhekk jigu akkolti stante li mill-provi l-elementi tar-reat assolutament ma gewx pruvati.

Ghaldqastant tillibera lill-imputata minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------